VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,160, 1 ta' Novembru, 2013
Taqsima B

A.L. 364 tal-2013

ORDINANZA DWAR IL-PROFESSJONI MEDIKA U L-PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦHA (KAP. 31)

Regolamenti tal-2013 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 40A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, il-Ministru għas-Saħħa għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2013 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Emenda Nru. 2), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mat-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-Tielet Skeda".

Kap. 31.

Jemenda t-Taqsima A tat-Tielet Skeda.

2. Fit-Taqsima A tat-Tielet Skeda, taħt l-Isem internazzjonali jew isem ieħor kif komunement magħruf u l-Isem kimiku li jikkorrispondi miegħu, minnufih wara l-partita:

Isem internazzjonali jew isem ieħor kif komunement magħruf	*Isem kimiku*
"4-MTA	α-methyl-4-methylthiophenethylamine"

għandha tiżdied il-partita ġdida li ġejja:

Isem internazzjonali jew isem ieħor kif komunement magħruf	*Isem kimiku*
"5-IT	5-(2-aminopropyl)indole".